REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/838

tad-19 ta' Frar 2025

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/975 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rappurtar tad-data għas-sajd tas-sawrell, tal-ħsara teknika fl-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita, tar-rekwiżiti tad-data dwar il-bastimenti fl-Anness V, tar-rekwiżiti tad-data dwar it-trażbord fl-Annessi VII, VIII u IX, u tar-rekwiżiti tad-data dwar il-portijiet fl-Annessi XI u XII

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/975 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fl-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) Żona tal-Konvenzjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 43, il-punti (a), (b) u (f), tiegħu,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/130/UE ([2]), l-Unjoni ilha Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku, li stabbiliet l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO, South Pacific Regional Fisheries Management Organisation), mis-26 ta' Lulju 2010.

(2) Ir-Regolament (UE) 2018/975 jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll adottati mill-SPRFMO ("miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni") fil-laqgħat annwali tagħha li saru bejn l-2013 u l-2017.

(3) Fil-laqgħat annwali tagħha fl-2018, fl-2019, fl-2020, fl-2021, fl-2022, fl-2023 u fl-2024, l-SPRFMO adottat emendi tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni eżistenti.

(4) Jenħtieġ li dawk l-emendi jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni. Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/975 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2018/975 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 7(2), il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) sal-15-il jum ta' kull xahar, il-lista tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom stadu b'mod attiv jew kienu involuti fit-trażbord fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO matul ix-xahar preċedenti. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO sal-20 jum ta' kull xahar;

(b) mhux aktar tard minn 45 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO, ir-rapport xjentifiku annwali li jkopri s-sena preċedenti, inkluż kemm jista' jkun data miġbura mill-osservaturi. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO sa mhux aktar tard minn 30 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO.";

(2) fl-Artikolu 41, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każ li l-ħsara teknika fl-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita ma tkunx issewwiet fi żmien 30 jum mill-bidu tal-obbligu ta' rappurtar kif speċifikat fil-paragrafu 1, il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jieqfu jistadu, jerfgħu l-irkaptu kollu tas-sajd u jerġgħu lura lejn il-port mingħajr dewmien biex isewwu l-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita.";

([1]) ĠU L 179, 16.7.2018, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/975/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/130/UE tat- 3 ta' Ottubru 2011 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku (ĠU L 67, 6.3.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2012/130(1)/oj).

(3) L-Annessi V, VII, VIII, IX, XI u XII huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fir-raba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punti 2, 3 u 4 tal-Anness għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V, VII, VIII, IX, XI u XII tar-Regolament (UE) 2018/975 huma emendati kif ġej:

1. L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-taqsima 1, il-punt (xv) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(xv) Kapaċità tal-istiva (m^3/ jekk applikabbli)";

(2) Fit-taqsima 1, il-punt (xxvi) jinbidel b'dan li ġej:

"(xxvi) Ritratti diġitali tal-bastiment ta' kwalità tajba, b'riżoluzzjoni għolja u b'luminożità u kuntrast xierqa, li ma jkunux eqdem minn 5 snin fil-mument li fih il-bastiment jiġi awtorizzat l-ewwel darba, li għandhom jikkonsistu f'mill-inqas:

(i) ritratt ta' bord il-lemin tal-bastiment li juri t-tul kollu u l-karatteristiċi strutturali kollha tiegħu;

(ii) ritratt ta' bord ix-xellug tal-bastiment li juri t-tul kollu u l-karatteristiċi strutturali kollha tiegħu;

(iii) ritratt li juri l-poppa meħud direttament minn wara, inkluż kwalunkwe sovrastruttura.

Ir-ritratti għandhom jiġu aġġornati meta jsiru bidliet fil-karatteristiċi tal-bastiment (eż. modifiki tal-buq, tas-sovrastruttura, tak-marki esterni). Ir-ritratti għandhom jiġu ppreżentati f'wieħed mill-formati ta' fajls li ġejjin: jpeg, png, jew tiff.";

2. L-Anness VII huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS VII*

Notifika ta' qabel it-trażbord

1. Dettalji tat-trażbord

(a) L-Istat Membru li qed jippreżenta d-data

(b) Id-data antiċipata tat-trażbord (UTC)

(c) Il-ħin antiċipat tat-trażbord (UTC), jekk disponibbli

(d) Il-latitudni antiċipata tat-trażbord (gradi deċimali)

(e) Il-longitudni antiċipata tat-trażbord (gradi deċimali)

(f) Il-formola mtliet minn (isem il-bastiment)

2. Dettalji tal-bastiment li jħott

(a) Isem il-bastiment

(b) Numru tar-reġistrazzjoni

(c) IRCS

(d) Stat tal-bandiera tal-bastiment

(e) Numru OMI

(f) Isem u nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment

(g) Il-kwantità stmata skont il-piż tal-ħut abbord qabel it-trażbord skont l-ispeċi, il-forma tal-prodott u ż-żona tal-qbid

(h) Il-kwantità stmata skont il-piż li għandha tiġi trażbordata skont l-ispeċi, il-forma tal-prodott u ż-żona tal-qbid

3. Dettalji tal-bastiment riċevitur

(a) Isem il-bastiment

(b) Numru tar-reġistrazzjoni

(c) IRCS

(d) Stat tal-bandiera tal-bastiment

(e) Numru OMI

(f) Isem u nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment

(g) Il-kwantità stmata skont il-piż tal-ħut abbord qabel it-trażbord skont l-ispeċi, il-forma tal-prodott u ż-żona tal-qbid.";

3. L-Anness VIII huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS VIII*

Ġurnal dwar it-trażbord tal-osservatur

1. Dettalji tal-bastiment tas-sajd li jħott

Isem il-bastiment	
Numru tar-reġistrazzjoni	
IRCS	
Stat tal-bandiera tal-bastiment	
Numru OMI	
Isem u nazzjonalità tal-kaptan	

2. Dettalji tal-bastiment tas-sajd riċevitur

Isem il-bastiment	
Numru tar-reġistrazzjoni	
Sinjal tas-sejħa bir-radju	
Stat tal-bandiera tal-bastiment	
Numru OMI	
Isem u nazzjonalità tal-kaptan	

3. Operazzjoni tat-trażbord

Data u ħin tal-bidu tat-trażbord (UTC)	
Data u ħin tat-tlestija tat-trażbord (UTC)	
Jekk it-trażbord isir fil-port: L-isem, il-pajjiż u l-kodiċi ([1]) tal-port	
Jekk it-trażbord isir fuq il-baħar: il-pożizzjoni (għall-eqreb 1/10 ta' grad) kif jibda t-trażbord	
Jekk it-trażbord isir fuq il-baħar: il-pożizzjoni (għall-eqreb 1/10 ta' grad) kif jitlesta t-trażbord	

Deskrizzjoni tat-tip ta' prodott skont l-ispeċi (bħal pereżempju ħut sħiħ iffriżat f'kaxxi ta' 20 kg)

Speċijiet		Tip ta' Prodott	
Speċijiet		Tip ta' Prodott	
Speċijiet		Tip ta' Prodott	

Għadd ta' kaxxi, piż nett (kg) tal-prodott, skont l-ispeċi

Speċijiet		Kaxxi		Piż nett	
Speċijiet		Kaxxi		Piż nett	
Speċijiet		Kaxxi		Piż nett	
Speċijiet		Kaxxi		Piż nett	

Piż nett totali tal-prodott trażbordat (kg)	
Numri tal-istiva fil-bastiment refriġeratur fejn jinħażen il-prodott	
Port u pajjiż tad-destinazzjoni tal-bastiment tas-sajd riċevitur	
Data stmata tal-wasla	
Data stmata tal-ħatt l-art	

([1]) Kodiċi tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Postijiet tal-Kummerċ u tat-Trasport (UN/LOCODE).";

4. Osservazzjonijiet (jekk applikabbli)

5. Verifika

Isem l-osservatur	
Awtorità	
Firma	

4. L-Anness IX huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS IX*

Dikjarazzjoni tat-trażbord

1. Dettalji tal-bastiment tas-sajd li jħott
   (a) Isem il-bastiment
   (b) Numru tar-reġistrazzjoni
   (c) IRCS
   (d) Stat tal-bandiera tal-bastiment
   (e) Numru OMI
   (f) Isem u nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment
2. Dettalji tal-bastiment tas-sajd riċevitur
   (a) Isem il-bastiment
   (b) Numru tar-reġistrazzjoni
   (c) IRCS
   (d) Stat tal-bandiera tal-bastiment
   (e) Numru OMI
   (f) Isem u nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment
3. Dettalji tal-operazzjoni tat-trażbord
   (a) Data u ħin tal-bidu tat-trażbord (UTC)
   (b) Data u ħin tat-tlestija tat-trażbord (UTC)
   (c) Jekk it-trażbord isir fil-port:
   l-istat tal-port, isem il-port u l-kodiċi tal-port
   (d) Jekk it-trażbord isir fuq il-baħar:
      (i) il-pożizzjoni (għall-eqreb 1/10 ta' grad) kif jibda t-trażbord (latitudni u lonġitudni; grad deċimali)
      (ii) il-pożizzjoni (għall-eqreb 1/10 ta' grad) kif jitlesta t-trażbord (latitudni u lonġitudni; grad deċimali)

(e) Port destinatarju tal-bastiment tas-sajd riċevitur ([1])

(f) Stima tad-data tal-wasla

(g) Stima tad-data tal-ħatt l-art

(h) Numri tal-istiva fil-bastiment tas-sajd riċevitur fejn jinħażen il-prodott

4. Dettalji tar-riżorsi tas-sajd trażbordati

(a) Dettalji tar-riżorsi tas-sajd trażbordati

(i) Kodiċi tal-ispeċi (kodiċi tal-FAO bi tliet ittri)

(ii) Deskrizzjoni tal-ispeċi, skont it-tip ta' prodott (eż: ħut sħiħ iffriżat)

(iii) Tip ta' kontenitur/kaxxa

(iv) Numru ta' kaxxi u piż nett (kg) tal-prodott skont it-tip ta' kontenitur/pakk u skont l-ispeċi

(v) Piż nett totali tal-prodott trażbordat (kg)

(b) Irkaptu tas-sajd użat ([2])

5. Verifika

(a) Isem l-osservatur

(b) Awtorità

_____

([1]) Jekk din l-informazzjoni tinbidel, id-Dikjarazzjoni tat-Trażbord għandha tiġi aġġornata u ppreżentata mill-ġdid mhux aktar tard minn 72 siegħa qabel il-ħatt l-art fil-port tal-prodotti trażbordati li huma ġestiti mill-SPRFMO.

([2]) Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-irkaptu tas-sajd. Din l-informazzjoni jeħtieġ tiġi pprovduta biss mill-bastiment li jħott.";

5. L-Anness XI huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS XI

Talba għal waqfa fil-port

1. Informazzjoni dwar il-waqfa fil-port

Port tal-waqfa	L-aħħar port	Data tal-aħħar waqfa fil-port

2. Identifikazzjoni tal-bastiment

Isem il-bastiment	Bandiera tal-bastiment	Numru OMI	Sinjal tas-sejħa	Marki ta' identifikazzjoni esterni
Tip ta' bastiment	Informazzjoni ta' kuntatt tal-bastiment	Sid(ien) il-bastiment	ID tal-organizzazzjoni reġjonali tas-sajd (jekk applikabbli)	ID taċ-ċertifikat tar-reġistru

3. VMS

Il-VMS hija operattiva?	Il-VMS qed tirrapporta liċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd nazzjonali?	Il-VMS qed tirrapporta lill-SPRFMO?
Tip		

4. Dimensjonijiet tal-bastiment

Tul	Travu	Pixka (Fond iffurmat)

5. Isem u nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment

Isem il-kaptan tal-bastiment	Nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment

6. Awtorizzazzjoni(jiet) rilevanti tat-trażbord

Identifikatur	Maħruġa minn	Dati tal-validità

7. Informazzjoni dwar it-trażbord (rigward il-bastimenti donaturi)

Data	Post (Latitudni/ lonġitudni)	Isem il-bastiment donatur	Stat tal-bandiera tal-bastiment donatur	Numru OMI	Speċijiet	Stat tal-prodott	Żona tal-qbid tal-FAO	Kwantità (kg)

8. Dettalji tal-waqfa fil-port

Port tal-waqfa intenzjonat [1]	Stat tal-port	Skop [2] tal-waqfa fil-port	Data stmata tal-wasla	Ħin stmat tal-wasla	Data attwali

[1] Għandu jkun port iddeżinjat kif elenkat fir-reġistru tal-portijiet tal-SPRFMO.
[2] Eż. ħatt l-art, trażbord, riforniment tal-fjuwil.

9. Speċijiet ġestiti mill-SPRFMO miżmuma abbord

Speċijiet	Żona tal-qbid tal-FAO	Stat tal-prodott	Total ta' kilogrammi miżmuma abbord *(stima)*	Ammont li għandu jiġi trażbordat jew li għandu jinħatt l-art *(stima)*	Riċevitur tal-ammont trażbordat jew li nħatt l-art

Jekk l-ebda speċi ġestita mill-SPRFMO u/jew l-ebda prodott tal-ħut li joriġina minn dawn l-ispeċijiet ma jinżammu abbord, daħħal 'xejn'.

10. Dettalji rilevanti dwar l-awtorizzazzjoni tas-sajd

Identifikatur	Maħruġa minn	Validità	Żona/i tas-sajd	Speċijiet	Irkaptu ([1])
L-awtorizzazzjoni tas-sajd tindika l-limitu tal-qbid tal-bastiment għal kull speċi (Iva/Le)		Speċijiet		Limitu tal-qbid tal-bastiment għal kull speċi ([2])	

([1]) Jekk l-awtorizzazzjoni hija limitata għat-trażbord, allura mmarka 'trażbord' bħala l-irkaptu.
([2]) Jekk l-awtorizzazzjoni ma tindikax il-limitu tal-qbid tal-bastiment, daħħal 'mhux applikabbli'.";

11. Lista tal-ekwipaġġ

Mehmuża kopja tal-lista tal-ekwipaġġ? Iva/Le

6. L-Anness XII huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS XII*

Rapport dwar l-ispezzjonijiet tal-portijiet

1. Dettalji tal-ispezzjoni

Numru tar-rapport dwar l-ispezzjonijiet			
Isem l-ispettur prinċipali			
Stat tal-port		Awtorità tal-ispezzjoni	
Port tal-ispezzjoni		Skop tal-waqfa	
Data tal-bidu tal-ispezzjoni		Ħin tal-bidu tal-ispezzjoni	
Data tat-tmiem tal-ispezzjoni		Ħin tat-tmiem tal-ispezzjoni	
Waslet notifika minn qabel?	Iva/Le	Id-dettalji tan-notifika minn qabel huma konsistenti mal-ispezzjoni?	Iva/Le

2. Dettalji tal-bastiment

Isem il-bastiment		Bandiera tal-bastiment	
Tip ta' bastiment		IRCS	
Marki ta' identifikazzjoni esterni		Numru OMI	
Sid il-bastiment			
Sid(ien) benefiċjarju/i tal-bastiment *(jekk magħruf u jekk huwa differenti minn sid il-bastiment)*			
Operatur tal-bastiment			
Isem u nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment			
Aġent tal-bastiment			
Preżenza ta' VMS	Iva/Le	Tip ta' VMS	

3. Awtorizzazzjonijiet rilevanti tas-sajd

Identifikatur tal-awtorizzazzjoni		Maħruġa minn	
Validità		Żoni tas-sajd	
Speċijiet		Irkaptu [1]	
Il-bastiment qiegħed fir-reġistru tal-bastimenti tal-SPRFMO?	Iva/Le	Huwa attwalment awtorizzat?	Iva/Le

[1] Jekk l-awtorizzazzjoni hija għat-trażbord, allura daħħal "trażbord" bhala l-irkaptu.".

4. Speċijiet ġestiti mill-SPRFMO skarikati (matul din il-waqfa fil-port)

Speċijiet	Żona tal-qbid tal-FAO	Stat tal-prodott	Kwantità ddikjarata skarikata (kg)	Kwantità skarikata (kg)

5. Speċijiet ġestiti mill-SPRFMO miżmuma abbord

Speċijiet	Żona tal-qbid tal-FAO	Stat tal-prodott	Kwantità ddikjarata miżmuma abbord (kg)	Kwantità miżmuma abbord (kg)

6. Speċijiet ġestiti mill-SPRFMO li waslu mit-trażbord (matul din il-waqfa fil-port)

Speċijiet	Żona tal-qbid tal-FAO	Stat tal-prodott	Kwantità ddikjarata li waslet (kg)	Kwantità li waslet (kg)

7. Eżamijiet u sejbiet

Taqsima	Kummenti
Eżami tal-ġurnali ta' abbord u ta' dokumentazzjoni oħra	
Konformità mal-iskema/i ta' dokumentazzjoni tal-qbid applikabbli	
Konformità mal-iskema/i ta' informazzjoni dwar il-kummerċ applikabbli	
Tip ta' rkaptu abbord	
Sejbiet tal-ispetturi	
Ksur allegat (inkludi referenza għall-istrumenti legali rilevanti)	

Kummenti tal-kaptan tal-bastiment
Azzjonijiet meħuda
Firma tal-kaptan tal-bastiment
Firma tal-ispettur